**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2016**

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 1106/06JRM**

Paul **PAĊE**

vs

Salvina **CHETCUTI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Diċembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrka wettqet spoll privileġġat u riċenti bi ħsara għalih meta bi ksur tal-liġi u b'mod abbużiv fetħet bieb għal ġo fond bin-numru tletin (30) fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta; (b) tordna lill-imħarrka biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffisalha, terġa' tqiegħed kollox kif kien qabel ma wettqet l-imsemmi egħmil u b'hekk troddlu l-pussess sħiħ u t-tgawdija li kellu qabel; u (ċ) f'każ li l-imħarrka tonqos li twettaq dak lilha ordnat fiż-żmien lilha mogħti, li tħallih iwettaq hu x-xogħlijiet meħtieġa bi

spejjeż għall-imħarrka u taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur mill-Qorti għal dan il-għan. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2007[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa fit-22 ta' Jannar, 2007 li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attrici billi ċaħdet li jeżistu l-elementi biex l-azzjoni ta' spoll tista' tirnexxi. Saħqet li l-attur ma kellu qatt il-pussess tal-ambjenti li fuqhom infetaħ il-bieb u li kemm il-post mikri lill-attur u l-post fejn hija fetħet il-bieb huma ħwejjiġha, bħalma wkoll huwa ġid tagħha l-post l-ieħor li jmiss magħhom;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2007[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mill-istess xhieda;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2009[3], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-16 ta' April, 2009[4];

Rat li l-imħarrka ma ressqet l-ebda sottomissjoni minkejja li ngħatat żmien biżżejjed biex tagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' spoll, li permezz tagħha l-attur qiegħed jitlob li jingħata lura lilu l-pussess tal-ispazju ta' taħt taraġ li kien mikri lilu bħala parti mill-ħanut numru tletin (30), Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Jirriżulta illi l-konvenuta hija sid tal-fondi tletin (30), tnejn u tletin (32), u erbgħa u

[1] Pagg 4-5 tal-process
[2] Paġ. 27 tal-proċess
[3] Paġ. 86 tal-proċess
[4] Paġġ. 88 – 90 tal-proċess

tletin (34) fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Il-fondi 30 u 34 huma fil-livell terran filwaqt li l-fond numru 32 jinstab fil-livell tat-tieni sular, sovrappost għall-fond numru 30, u aċċessibbli minn bieb u taraġ fil-pjan terran u li jifred il-fondi bin-numri 30 u 34;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet billi ċaħdet li hija wettqet xi spoll jew li jeżistu l-elementi biex l-azzjoni tal-attur tirnexxi u dan għaliex tgħid li l-attur qatt ma kellu l-pussess tal-ambjenti li fihom infetaħ il-bieb;

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-ħanut numru 30 oriġinarjament inkera minn Simeone Chetcuti, li kien joqgħod fil-fond numru 32, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta lil Mary Pace, omm l-attur, permezz ta' skrittura privata tal-25 t'Awwissu 1977[5], li tiddeskrivi l-ħanut bħala "li qiegħed taħt bini ieħor u li għandu bitħa b'kamrin żgħir". Skond l-attur, din il-"kamrin" hija "kamra li tinstab taħt it-taraġ tal-fond numru 32 li jagħti aċċess għal blokk ta' appartamenti, li dejjem dħalna għaliha minn bieb fil-fond numru 30"; u għal għoxrin sena ntużat għall-ħażna ta' merkanzija tal-ħanut, u dan kif jidher minn pjanta approvata mill-Awtorita` Maltija għall-Ippjanar fl-10 ta' Mejju 1995.[6] Il-pjanta approvata turi l-istat ta' kif kien il-post dak iż-żmien, bl-ambjent ta' taħt it-taraġ jifforma parti mill-ħanut, aċċessibbli biss mill-ħanut, u bin-notament "door to be closed"; kif ukoll turi l-alterazzjonijiet proposti u approvati, b'ħajt kontinwu minflok il-bieb, biex b'hekk l-ispazju ta' taħt it-taraġ kellu jiġi magħluq għal kollox u ma kien aċċessibbli minn imkien. Salvina Chetcuti, oħt l-attur, ikkonfermat li dan l-ispazju kien aċċessibbli biss mill-ħanut numru 30 u li ħuha għalqu permezz ta' ħajt[7] għall-ħabta tas-sena 2003, għalkemm ma kinitx ċerta meta.[8] Bin il-konvenuta jgħid li ngħalaq madwar is-sena 1998.[9] Ix-xhud taħseb li ħuha ried jagħmel *safe* fl-ispazju magħluq iżda ma tafx fil-fatt x'għamel[10]. Ma tafx il-bieb ingħalaqx permezz ta' purtiera jew bil-ġebel[11]. Joseph Gatt, prodott mill-attur, li jaħdem ta' store-keeper, ġej u sejjer fil-ħanut iżda ma jaħdimx kontinwament fih, ilu jaħdem mal-attur mis-sena 1997[12]. Jgħid li ġieli tefa' merkanzija fl-ispazju ta' taħt it-taraġ u li dan l-ispazju ġie miksi bil-*pannelling* u quddiem il-*pannelling* hemm *fridge* kbira tal-luminata[13]. Ikkontro-eżaminat, u miġbuda l-attenzjoni tiegħu li l-permess għall-alterazzjonijiet kien qabel il-1997, wieġeb li kellu "impressjoni" li kien

[5] esibita a fol 9 u a fol 21
[6] Affidavit tal-attur a fol 19 u Dok PC3 a fol 24
[7] fol 36
[8] fol 47
[9] fol 74
[10] fol 49
[11] fol 51
[12] fol 83
[13] fol 55

hemm il-fetħa taħt it-taraġ[14] u li ma kienx sejjer imieri lill-avukat li ssuġġerielu li ma kienx hemm *panelling* li jinqala' malajr iżda ħajt tal-ġebel[15]. Bin il-konvenuta xehed li l-attur għalaq bil-brikks[16];

Illi Mary Anne Refalo, prodotta mill-konvenuta, xehdet li kellha mikri għandha l-fond numru 34 bħala *snack bar*, u li l-ispazju ta' taħt it-taraġ kien jifforma parti mill-istess ħanut, li l-kera ntemmet fl-aħħar tas-sena 2006[17], u li ma għamlet l-ebda xogħlijiet f'Novembru jew Diċembru 2006[18];

Illi Salvinu Chetcuti, iben il-konvenuta, ikkonferma li l-attur kien kera l-ħanut bl-ispazju ta' taħt it-taraġ li "għalqu hu volontarjament. Ċaħdu"[19]. Ma kien qallu xejn meta għalqu iżda, waqt aċċess tal-Bord li Jirregola l-Kera, qallu li kien għalqu għax ma kellux bżonnu u kien hemm il-ġrieden u t-trab[20]. Skont Speranza Chetcuti, kif ukoll Carmelo Fenech, li jiġi ħu l-konvenuta, il-bieb ingħalaq madwar is-sena 1989[21];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> jixraq mill-ewwel jingħad li kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – *possedisse*;
2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – *spoliatum fuisse*; u
3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – *infra bimestre deduxisse*;

Illi dawn ir-rekwiżiti effettivament joħroġu mill-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili stess li jgħid li "*Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżża' mill- pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*";

Illi għalhekk biex l-attur jista' jirnexxi fl-azzjoni tiegħu jinħtieġlu qabel xejn jipprova li kien fil-pussess tal-arja ta' taħt it-taraġ in kwistjoni. F'dan il-

[14] fol 58
[15] fol 59
[16] fol75
[17] fol 70
[18] fol 71
[19] fol 72
[20] fol 75
[21] fol 79 u fol 83

każ, il-konvenuta, fir-risposta ġuramentata tagħha, enfasiżżat li l-attur ma kellux il-pussess tal-istess spazju billi kien irrinunzja għalih;

Illi mqar jekk f'kuntest differenti, japplikaw għal dan każ il-prinċipji ippronunzjati mill-qrati meta stabilew li: "*Ġie, iżda, ritenut mill-Qrati tagħna li għall-konservazzjoni tal-pussess ta' ħaġa mmobbli huwa biżżejjed l-animus, jiġifieri l-intenzjoni fil-possessur – animo retinetur possessio. Dan ifisser illi jekk jiġi ppruvat illi l-attur kien jeżerċita l-pussess preċedentment mhux neċessarju li jipprova li għad għandu l-pussess materjali tal-proprjeta`, iżda huwa biżżejjed jekk jipprova l-intenzjoni li jirritjeni dan il-pussess li kien jeżerċita qabel. Dan ġie spjegat fid-deċiżjoni* ***Cachia Zammit v. Barbara*** *(Prim'Awla – deċiża 27 ta' Novembru, 1959) fejn il-Qorti f'dan ir-rigward kwotat lil Baudry li qal "il possesso, una volta acquisito, si conserva benche` il possessore non abbia fatto atti di possesso, se del resto aveva la possibilita` di farli ... il possesso legale d'un immobile, una volta acquistato, si conserva colla sola intenzione del possesso per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finche` non sia stato volontariamente abbandonato. .. .. .. L-istess awtur ikompli jiċċita l-Pothier u jgħid li "per conservare il possesso non e` necessario avere una volonta` positiva di riternerlo, basta che la volonta` di possedere non sia stata revocata da una volonta` contraria; perche` non e` stata revocata da una volonta` contraria, si considera sempre che si perseveri." Il-Qorti żiedet "u b'ebda prova ma ngiebet illi l-konvenut, fl-intervall bejn is-sena 1925, meta nfetħet il-kawża, u s-sena 1954 meta saret il-kostruzzjoni 'de quo', ġie privat mill-pussess tar-rokna li kien fadal minnha, jew li huwa kien abbanduna dak il-pussess fuqha; u għalhekk baqgħet isseħħ favur tiegħu il-presunzjoni kontemplata fl-Artikoli 565 tal-Kodiċi Ċivili, b'mod li, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***Cassar v. Mamo Trevisan****, deċiża fl-4 ta' Dicembru 1879, fuq l-awtorita` ta' Troplong 'il possesso originario una volta fissato, si perpetua indefinittivamente, sino a tanto che non e` esposto a atti indubitati ed importanti una rinunzia dello stesso possesso' (Kollezz, Vol. VIII pg. 901). Konsegwentement, il-pussess tal-konvenut fuq il-parti rimanenti mill-kamra baqa' fih, u ma ntilifx, nonostante l-pretiża inerzja tiegħu (v. Digesto Italiano – Possesso n. 426)* "[22];

Illi din il-Qorti tista' żżid mar-riflessjonijiet suesposti illi r-rinunzja ta' dritt hija *di stretto diritto.* Ibda biex l-insenjamenti ġurisprudenzjali jillustraw sewwa u ċar illi "r-rinunzji huma di *stretto diritto* u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li

[22] App Ċiv. **28.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Formosa et vs Joseph Gauċi et noe***

juru l-volonta` preċiża tar-rinunzjant”[23]. Issa, fil-każ tallum, meta l-attur għalaq l-ispazju ma għarrafx lis-sid li kien sejjer iċedihulha. Għalqu għall-aħjar konvenjenza tiegħu u ta’ ħadd aktar. B’daqshekk, iżda, ma jfissirx li allura ċeda dak l-ispazju lilu mikri a favur is-sid. L-ispazju ma kienx aċċessibbli minn x’imkien ieħor u għaldaqstant lanqas ġie okkupat mis-sid qabel din qabdet u arbitrarjament ċarrtet il-ħajt min-naħa tal-fond numru 34 u okkupatu. Għaldaqstant kjarament l-ispazju baqa’ fil-pussess tal-attur sa ma sar l-egħmil li dwaru fetaħ din il-kawża;

Illi għaldaqstant il-Qorti ssib li l-attur seħħlu jipprova li l-ewwel element tal-azzjoni tiegħu – jiġifieri l-pussess li jistħoqqlu jitħares;

Illi dwar it-tieni element tal-azzjoni tal-ispoll, ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta kkommettiet l-att spoljattiv. Hija tistqarr li sar ix-xogħol, minkejja li tgħid li dak sar fi ħwejjiġha. Madankollu, huwa magħruf li l-fatt li sid jagħmel bdil fi ħwejġu ma jnaqqasx b’daqshekk l-element tat-tneħħija tal-pussess jew it-tnaqqis fit-tgawdija tiegħu lill-kerrej;

Illi għalhekk l-attur seħħlu wkoll jipprova dan l-element u li b’egħmilha l-imħarrka naqqsitlu l-pussess li kellu;

Illi dwar it-tielet element, jidher li hemm konflitt tal-provi dwar id-data ta’ meta seħħ l-att spoljattiv;

Illi l-konvenuta xehdet li kien meta t-terran ta’ maġenbhom inbiegħ jew inkera li f’daqqa waħda bdew jisimgħu ħafna ħsejjes. Ċemplitilha ommha li saħansitra waqgħet xi ħaġa fuqha imbaghad wara xi jumejn indunaw li nfetaħ bieb min-naħa tal-post l-ieħor waqt li kien qed jiġi irranġat, u x-xhud setgħet tinduna bit-tniffid billi l-fond 34 li kien qed jiġi rranġat kien ikun miftuħ. Ma tiftakarx id-data ta’ meta nfetaħ il-bieb.[24] Minfloku tiftakar li kien hemm ħajt magħluq, kemm meta kien jintuża bħala residenza kif ukoll meta ġie kkonvertit f’kafetterija. Kienet tidħol tieħu kafe` minn hemm[25];

Illi bin il-konvenuta xehed li beda x-xogħol fil-fond numru 34 fit-2005 u fetaħ il-bieb għal taħt it-taraġ fil-bidu tat-2006[26], qabel ma ħarġet mill-post Mary Anne Refalo[27]. Speranza Chetcuti, li toqgħod fil-fond numru

[23] App. Kumm. **30.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela noe vs Azzopardi*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.343**)
[24] fol 42
[25] fol 43
[26] fol 74
[27] fol 75

32, prodotta mill-konvenuta, xehdet li x-xogħol sar "early 2005"[28]. Carmelo Fenech, ħu l-konvenuta, ukoll xehed li xogħol sar fit-2005[29];

Illi bħala prova tad-data ta' meta seħħ l-att spoljattiv, l-attur jistrieħ fuq ir-rikors ġuramentat tiegħu, ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2006, fejn jgħid li dan seħħ "madwar ġimgħa ilu", u fuq id-depożizzjoni ta' oħtu, li ma kellhiex ħjiel meta seħħ l-ispoll, għajr li ġara wara li ntemmet il-kirja tal-i*snack bar*;

Illi min-naħa tagħha, il-konvenuta pproduċiet lill-inkwilina tal-fond numru 34 li xehdet li l-ambjent ta' taħt it-taraġ kien sa mill-bidu tal-kirja jifforma parti mill-ħanut tagħha; lil binha li xehed li fetaħ il-bieb fil-bidu tas-sena 2006 bla ma speċifika ebda data jew imqar xahar; u lil ħuha u lil ċerta Speranza Chetcuti li xehdu li l-bieb infetaħ fit-2005. Il-provi tal-konvenuta tant huma sfaċċatament kontradittorji li din il-Qorti ma tqisx li tista' toqgħod fuqhom;

Illi barra minn hekk, fir-risposta maħlufa tal-konvenuta, għalkemm din tibda billi teċepixxi b'mod ġeneriku li ma jeżistux l-elementi tal-*actio spolii*, tkompli tgħid – apparti li l-attur kien għalaq l-aċċess tiegħu għal taħt it-taraġ snin qabel – li "l-fond 34, Constitution Street (ukoll proprjeta` tal-konvenuta) **minn dejjem kellu aċċess** (enfasi miżjuda mill-Qorti) għall-ambjent ta' taħt it-taraġ tal-fond 32, Constitution Street. Għalhekk l-attur ma setax jiġi spoljat minn pussess li ma kellux". Il-konvenuta, għalhekk, filwaqt li fil-ftuħ tal-kawża tistqarr bil-ġurament tagħha li minn dejjem kien hemm l-aċċess, imbagħad waqt is-smiegħ tal-kawża iġġib xhud li tikkonferma li dejjem kien hemm dan l-aċċess u xhieda oħra li jixhdu li l-aċċess infetah jew fit-2005 jew fil-bidu tat-2006;

Illi minkejja l-kontradizzjonijiet kollha fix-xhieda tal-konvenuta huwa minnu illi għalkemm ma hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rikors ġuramentat da parti tal-konvenuta li l-azzjoni saret fit-terminu ta' xahrejn kif rikjest mil-liġi, fi kwalunkwe każ jaqa' fuq l-attur li jipprova li mexxa bil-kawża f'waqtha u fiż-żmien mogħti mil-liġi. Ladarba dan huwa element kostituttiv essenzjali tal-azzjoni ta' spoll[30], dan għandu jiġi wkoll pruvat mill-attur.[31] B'danakollu, il-fatt li fir-risposta ġuramentata il-konvenuta ma qajmet l-ebda eċċezzjoni specifika dwar l-iskadenza tat-terminu dekandenzjali ta' xahrejn, għalkemm imbagħad, waqt is-smigħ tal-

[28] fol 79 u fol 80
[29] fol 83
[30] App. Ċiv. **27.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) vs Maltapost p.l.c.***
[31] Ara App. Ċiv. **11.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Arends vs Veronique Mizzi***; P.A. JA **8.1.2016** fil-kawża fl-jsmijiet ***Paul Scicluna et. v Carmelo Scicluna et*** (appellata); u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Georgina Borġ vs Errol Cassar et***., fost oħrajn

kawża, ressqet il-provi tagħha f'dan is-sens, huwa indizju li tabilħaqq il-kawża saret entro t-terminu, li għalkemm waħdu ma jistax jitqies bħala prova f'dan is-sens, jista' jservi bħala tali flimkien ma' elementi probatorji oħrajn jekk dawn ikunu jissussistu;

Illi fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba dak li stqarr l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu ma ġiex kontradett, la f'kontro-eżami u lanqas bi provi kredibbli, dan għandu jitqies li għandu mis-sewwa. Kif jingħad minn awtorita` Ingliża fuq materja probatorja: "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In Bircham,for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c ) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*"[32];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur fetaħ il-kawża fiż-żmien perentorju li tistabilixxi l-liġi. Jirriżulta għalhekk li l-attur irnexxielu jipprova l-elementi kostituttivi kollha tal-azzjoni tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrka billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrka wettqet egħmil ta' spoll bi ħsara għall-attur meta fetħet bieb ġol-fond numru 30, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta;

---

[32] Murphy On Evidence ( Oxford University Press, 8th Edition, 2003) paġ 597.

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrka biex fi żmien għoxrin (20) jum millum terġa' tagħlaq l-imsemmi bieb u tifred il-post mikri lill-attur minn kull ambjent ieħor fil-pussess tagħha;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tawtorizża lill-attur biex, f'każ li l-imħarrka tonqos li tagħmel dak lilha ordnat fiż-żmien lilha mogħti, jagħmel hu x-xogħlijiet meħtieġa biex jerġa' jieħu t-tgawdija sħiħa tal-pussess li huwa kellu u li jagħmel dan bi spejjeż għall-imħarrka u taħt is-superviżjoni tal-perit arkitett Philip Grech; u

**Tordna** wkoll li l-imħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tal-perit imqabbad mill-Qorti b'din is-sentenza biex jissorvelja x-xogħlijiet li għandhom isiru.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Jannar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Jannar, 2016**